**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 51**

Il-Kunsill Lokali Itaqa' nhar l-Erbgħa 13 ta' Novembru 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi u kienet *streamed live*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku

Donnha Barbara – Viċi Sindku (*online*)

Ralph Puli – Kunsillier (*Online)*

Carmelo Cuschieri – Kunsillier

Daniel Ablett – Kunsillier

Marvin Zammit – Kunsillier

Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

Martina Grech - Kunsillier

Doris Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier

Abigail Sammut – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

## 51.1 Assenti b'Apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillier George Muscat u l-Kunsillier Abigail Sammut talbu li jkunu skużati.

Il-Kunsill approva l-apoloġiji ppreżentati.

## 51.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**51.2.1** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill se jkun qed iħallas għas-servizz ta' uffiċjali tal-Komunita' sabiex jassistu fl-għeluq ta' Triq Santa Katerina waqt il-ħinijiet tal-mużew. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ssuġġerixxa li tkun idea tajba jekk isiru bollards.

**51.2.2** Is-Sindkku Dr Josef Masini Vento nfurma li l-Kunsill Lokali kellu talba sabiex Triq Dun Rene Cilia tiġi one-way minn Triq il-Mitħna bejn is-7.00a.m. u d-9.00a.m. Għaldaqstant s-Sindku nfurma li se tkun qed issir talba lil TM sabiex tiġi kkunsidrata din it-talba.

**51.2.3** Is-Sindku nfurma li saret talba lil LESA sabiex issir sorveljanza madwar il-lokalita' sabiex jinqatgħu l-abbużi ta' rimi ta' skart fit-toroq.

**51.2.4** Is-Sindku nfurma li nhar il-Ġimgħa 25 u s-Sibt 26 ta' Novembru se ssir il-Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali.

**51.2.5** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se tkun qed titressaq il-proposta għall-resurfacing ta' toroq għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta kif ġej;

Triq il-Vitorja, Triq San Bastjan , Triq San Edwardu, Triq il-Ġdida , Triq l-20 ta' Jannar, Triq il-Ħelsien (minn Triq l-Imdina sa Triq ix-Xitwa), Triq il-Belt Valletta (minn Triq il-Mitħna sa Triq l-Iskultur), Triq id-Drama u Triq il-Poeżija.

Il-Kunsillier Marvin Zammit staqsa hux opportun jekk il-Kunsill jippreżenta lista ta' sqaqien għar-*resurfacing*.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li Infrastruttura Malta se tkun qed tagħti 12,000 metru kwadru għal resurfacing u dawn it-toroq, huma toroq prinċipali fil-qalba tal-lokalita' li jintużaw il-ħin kollu matul il-ġurnata. Għaldaqstant il-Kunsill għandu jippreżenta dawn it-toroq u jekk hemm sqaqien li għandhom bżonn li jsiru, isiru mill-Kunsill skont il-budget.

**51.2.6** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bħalissa l-Kunsill Lokali għandu kawża l-Qorti ma' RockCut Ltd. Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjega tal-andament tal-kawża. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li RockCut qed titlob ħlas relatat ma' xogħol li sar għall-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, taħt l-istess proġett.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li dawn huma flejjes li l-Kunsill ma jistax iżomm, iżda dan il-ħlas m'għandux jippreġudika l-kawż li hemm għaddejja. Għaldaqtant il-Kunsill Lokali għandu jinfurma lill-avukat tal-Kunsill u ċ-ċekk tal-ħlas jiġi depożitat il-Qorti.

**51.3** Ħwejjeġ Oħra

**51.3.1** Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'se jkun qed isir għall-Milied 2022, għall-istaff u l-membri. Il-Kunsillier Marvin Zammit ippropona team building activity u lunch, għaliex b'hekk ikun hemm iċ-ċans ta' aktar interaction bejn kulħadd.

Il-Kunsillier Daniel Ablett ippropona battlemax activity. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li l-attivita' tinżamam fil-15 ta' Diċembru 2022.

**51.3.2** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento fakkar li l-Ħadd se tinżamm the Presidents' Fun Run u stieden lil membri sabiex jattendu flimkien minn Sta Venera.

**51.3.3** Il-Kunsillier Doris Zammit fakkret lill-membri li nhar l-Erbgħa 23 ta' Novembru 2022, se tinżamm il-konferenza fl-okkażjoni ta' Movember.

**51.3.4** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru se tinżamm iċ-Ċerimonja ta' tqegħid ta' fjuri fuq il-monument tal-Vittmi tan-Nar.

**51.3.5** Is-Sindku nfurma li bħala parti mill-attivitajiet tal-Milied se jiġi organizza kunċert żgħir minn Brass Band, quddiem il-Kunsill u wara party tat-tfal. Din l-attivita' se tinżamm fid-9 ta' Diċembru 2022.

**51.3.6** Is-Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li se tinżamm mixja għal Caritas nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2022 bit-tema 'A Walk by the Valley'.

**51.4 Skeda ta' Ħlasijiet**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Novembru 2022.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' ħlasijiet.

**51.5** Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 13 ta' Diċembru fis-6.00p.m. *online*.

Konfermati, illum 17 ta' Jannar 2023.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMATI*** | ***IFFIRMATI*** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |